MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 734/2004

**Oreste Cilia (I.D. 537541(M)).**

**vs.**

**Francis Micallef (I.D. 374552(M)).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 1 ta' Ottubru 2004 a fol. 1 tal-process u pprezentata quddiem l-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi b'att ta' konvenju tat-tlettax (13) ta' Marzu 1998 il-konvenut ipprometta u obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur *maisonette* fit-tieni sular numru disgha u ghoxrin (29), Triq San Tumas, Hamrun, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm1.10,0), ghal prezz ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), f'liema

konvenju l-attur irrizerva d-dritt li jissostitwixxi minfloku lil terzi persuni fuq l-att finali (Dokument “A”);

Illi dan il-konvenju gie sussegwentament estiz permezz ta’ skrittura ohra datata hamsa u ghoxrin (25) ta’ Awissu 1998 (Dokument “B”) fejn il-partijiet ftehmu illi l-prezz jigi modifikat u sostitwit bis-somma ta’ erbat elef tmien mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm4,820);

Illi l-imsemmi konvenju rega’ gie estiz tliet darbiet ohra; l-ewwel estensjoni saret fis-sbatax (17) ta’ Marzu 1999, meta thallas il-prezz kollu (Dokument “C”); it-tieni estensjoni saret fit-tnejn u ghoxrin ta’ Frar 2000 (Dokument “D”); u t-tielet estensjoni saret fit-tmienja (8) ta’ Marzu 2002, u b’din l-ahhar estensjoni l-imsemmi konvenju gie estiz sal-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru 2005, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet ta’ l-imsemmi konvenju kif estiz (Dokument “E”);

Illi, fil-frattemp, l-attur dahal fi ftehim iehor ma’ Laetizia Scicluna biex jittrasferixxi l-istess fond bil-prezz ta’ sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000), b’dan li l-istess Scicluna setghet izzomm kull differenza fil-prezz;

Illi sussegwentament, fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Mejju 2004, Laetizia Scicluna dahlet fi ftehim ma’ Gaetano Farrugia li fuq l-att relattiv, deher ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Francis Agius, ghat-trasferiment ta’ l-imsemmi fond bil-prezz ta’ tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) ghall-post;

Illi l-att pubbliku ta’ trasferiment sar fit-tletin (30) ta’ Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami bejn min-naha l-wahda l-konvenut u min-naha l-ohra Gaetano Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Francis Agius, ghal prezz ta’ tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) (Dokumnet ‘F’);

Illi mill-prezz ta’ tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000), imhallas minn Gaetano Farrugia *nomine*, elf Lira Maltin (Lm1000) inzammu minn Laetizia Scicluna, u sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000) kellhom jinzammu minn Oreste

Cilia u dan *stante* li l-konvenut kien thallas diga` minn Oreste Cilia l-prezz miftiehem tal-fond fil-konvenju ta' bejn il-konvenut u l-attur;

Illi fil-fatt, filwaqt li Gaetano Farrugia *nomine* hareg *cekk* ta' Lm17,000 fuq il-konvenut, il-konvenut Francis Micallef simultanjament hareg *cekk* ghas-somma ekwivalenti fuq isem l-attur;

Illi meta l-attur mar biex isarraf ic-*cekk* li nhareg mill-konvenut favur l-attur, dan ma setax jissarraf mill-Bank u gie *'referred to drawer';*

Illi mill-banda l-ohra l-konvenut sarraf ic-*cekk* ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) mahrug minn Gaetano Farrugia;

Illi l-konvenut qieghed issa jirrifjuta li jhallas lill-attur is-somma ta' Lm17,000;

Illi, f'kwalsiasi kaz, il-konvenut ma jistax jirrikixxi ruhu ingustament minn dawn ic-cirkostanzi;

Illi *nonostante* li gie debitament interpellat ihallas is-somma ta' Lm17,000, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa kreditur ta' l-attur fis-somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000); u

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-imsemmija somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000).

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1755/04, u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1756/04.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process li huma:- Dokument 'A' konvenju datat tlettax (13)

ta’ Marzu 1998; Dokument ‘B’ skrittura privata datata hamsa u ghoxrin (25) ta’ Awissu 1998; Dokument ‘C’ skrittura privata datata sbatax (17) ta’ Marzu 1999; Dokument ‘D’ skrittura privata datata tnejn u ghoxrin (22) ta’ Frar 2000; Dokument ‘E’ skrittura datata tmienja (8) ta’ Marzu 2002; u Dokument ‘F’ att pubbliku datat tletin (30) ta’ Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami.

Rat li din il-kawza kienet appuntata fil-5 ta’ Ottubru 2004 ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-12 ta’ Novembru 2004.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 25 ta’ Ottubru 2004 a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenju li gie ffirmat fit-13 ta’ Marzu 1998 ma jirrispekjax il-ftehim li kien jezisti bejn il-partijiet; infatti jirrizulta li l-pendenzi bejn il-partijiet mhumiex maghluqa kif jasserixxi l-attur u kif anke spjegat aktar dettaljatament fit-tieni eccezzjoni;

2. Illi l-ftehim bejn l-attur u l-konvenut tbiddel diversi drabi, fejn fl-erba’ estensjonijiet tal-konvenju li saru fil-25 ta’ Awissu 1998, fis-17 ta’ Marzu 1999, fit-22 ta’ Frar 2000 u fit-8 ta’ Marzu 2002 kien hemm tibdiliet mill-konvenju originali li sar fit-13 ta’ Marzu 1998. Dawn it-tibdiliet kienu propju dwar flus dovuti lill-konvenut mill-attur liema flus qatt ma gew likwidati u thallsu; l-aktar kundizzjoni sinifikanti hija dik tal-konvenju tat-13 ta’ Marzu 1998 klawsola 2 li thalli lill-konvenut odjern skopert kif jidher mill-istess dicitura u ghalhekk l-azzjoni attrici hija ntempestiva;

3. Illi kien jinkombi fuq l-attur li jitlob il-likwidazzjoni finali ta’ l-ammont dovut, liema talba ma saritx u din twassal ghan-nullita` tac-citazzjoni attrici; l-attur qatt ma setgha jassumi l-funzjonijiet ta’ Qorti biex b’mod intempestiv jillikwida hu stess l-ammont dovut;

4. Illi saru diversi benefikati tal-fond *de quo* li jalteraw l-ammonti dovuti lill-Gvern u dan ser iwassal ghal danni sofferti mill-konvenut; l-ewwel iridu jigu stmati dawn u likwidati.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19, 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-12 ta’ Novembru 2004 a fol.22 tal-process fejn dehret Dr.Josette Grech ghall-attur u tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh. Deher ukoll Dr.David Farrugia Sacco ghall-attur li ta ruhu notifikat bl-eccezzjoni tal-konvenut. Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ Jannar 2005 ghall-prezentata ta’ l-affidavit ta’ l-attur; tas-26 ta’ Jannar 2005 fejn deher Dr.Mario de Marco u assocja ruhu fil-patrocinju ta’ l-attur ma’ Dr.Grech. Deher ukoll Dr.David Farrugia Sacco ghall-konvenut. Giet prezentata nota b’ affidavit ta’ l-attur fil-25 ta’ Jannar 2005. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Frar 2005 ghan-notifika ta’ l-affidavits lill-konvenut u provi ta’ l-attur.

Rat in-nota ta’ l-**attur** ipprezentata fir-Registru fil-25 ta’ Jannar 2005 (fol.25) li permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu stess, immarkat bhala Dok ‘OC’, u ta’ **Gladys Farrugia** li huwa mmarkat bhala Dok ‘GF’ kif jidher fil-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta’ Frar 2005 (fol.33) fejn deher Dr.Mario de Marco ghall-attur prezenti u Dr.David Farrugia Sacco ghall-konvenut. Dr. de Marco rrileva li ghalkemm harget l-ingunzjoni ghax-xhieda li kellhom jidhru fl-istess seduta mhix inserita fil-process. Ix-xhieda ssejhu izda ma dehrux. Il-kawza giet differita ghall-5 ta’ April 2005 ghall-konkluzjoni tal-provi ta’ l-attur; tal-5 ta’ April 2005 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u Oreste Cilia. Xehdu **Audrey Ghigo** li ipprezentat kopja ta’ *statements* tal-kont in kwistjoni u li gie markat bhala Dok ‘G’, **Letizia Scicluna** li wkoll ipprezentat zewg dokument li huma kopji ta’

konvenji u gew immarkati bhala Dok 'R1' u Dok 'R2' u **Josef Muscat** ilkoll prodotti mill-attur. Il-Qorti awtorizzat lill-attur jinnotifika lin-Nutar Sandro Schembri Adami permezz tal-purtier u wara l-hinijiet legali. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi ta' l-attur ghall-11 ta' Mejju 2005.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-11 ta' Mejju 2005 fejn minhabba li kienet indisposta l-kawza giet differita ghat-23 ta' Gunju 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-23 ta' Gunju 2005 (fol.69) fejn deher Dr. Mario de Marco u Dr. Josette Grech ghall-attur prezenti u Dr. David Farrugia Sacco ghall-konvenut. Il-partijiet qablu li l-kelma "thallas", a fol.56 tal-process, kontenuta f'domanda ghandha tigi sostitwita f' "hallas". L-attur iddikjara li ghalaq il-provi u l-kawza giet differita ghat-8 ta' Novembru 2005 ghall-provi tal-konvenut; tat-8 ta' Novembru 2005 fejn deher l-attur assistit minn Dr.Josette Grech. Dr.Farrugia Sacco talab differiment mhux oppost. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Novembru 2005 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; tal-15 ta' Novembru 2005 fejn deher l-attur assistit minn Dr.Josette Grech. L-attur oggezzjona ghal differiment. Il-Qorti ddikjarat l-provi tal-konvenut maghluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet u ghandu jibda l-attur. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Dicembru 2005 ghall-prezentata tan-nota ta' l-attur; u tad-9 ta' Dicembru 2005 (fol.72) fejn deher il-konvenut assistit minn Dr.Josette Grech u l-attur assistit minn Dr.David Farrugia Sacco. Il-Qorti fuq talba tal-konvenut minhabba cirkostanzi prevalenti dak iz-zmien, tad-difensur tieghu, irrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-15 ta' Novembru 2005 li x-xhieda li ghandu jipproduci huma l-konvenut u n-Nutar Sandro Schembri Adami. Il-kawza giet differita ghat-13 ta' Jannar 2006 ghall-provi kollha tal-konvenut.

Rat l-Ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata t-13 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma

quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-2 ta' Frar 2006 a fol.74 tal-process fejn deher Dr.Mario de Marco ghall-attur prezenti u Dr.David Farrugia Sacco ghall-konvenut prezenti. Inghata digriet ta' l-affidavit lill-konvenut sabiex sa zmien tletin (30) gurnata jipprezenta l-affidavit tieghu u tax-xhieda minnu indikati, li jistghu isiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' April 2006 biex jitharrek in-Nutar Sandro Schembri Adami; tal-4 ta' April 2006 fejn deher Dr.Mario de Marco ghall-attur prezenti u Dr. David Farrugia Sacco ghall-konvenut. Il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-affidavits tal-konvenut bi tletin (30) jum ohra. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr.Josette Demicoli biex izzomm seduta wahda f'Mejju 2006 u dan biex jitharrek quddiema n-Nutar Sandro Schembri Adami. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta' Gunju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-Assistent Gudizzjarju Dr.Josette Demicoli tas-26 ta' Mejju 2006 fejn Dr.Farrugia Sacco talab differiment minhabba li ma setax jirrintracca lin-Nutar Schembri Adami; tad-9 ta' Gunju 2006 u tat-12 ta' Gunju 2006 fejn l-Assistent Gudizzjarju ndikat li fadal jinstema' n-Nutar Schembri Adami.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-14 ta' Gunju 2006 a fol.80 tal-process fejn deher Dr.David Farrugia Sacco li nforma lill-Qorti li qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut, u prezenta nota f'dan is-sens. Prezenti kien hemm l-attur. Dr.Mario de Marco ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-konvenut ukoll issejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti ddikjarat il-provi tal-konvenut maghluqa u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-22 ta' Gunju 2006; tat-22 ta' Gunju 2006 fejn deher Dr.Mario de Marco ghall-attur prezenti. Prezenti l-konvenut li nforma lill-Qorti li m'ghandux avukat u l-avukati li avvicina ma hadux inkarigu. Dr.de Marco tratta l-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta' Ottubru 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi ddikjarat kreditur ta' l-attur fl-ammont ta' Lm17,000, u jigi ghalhekk ikkundannat ihallas l-istess ammont lill-attur u dan wara li kien il-konvenut li hareg cekk favur l-attur ta' l-istess ammont, liema cekk baqa' ma ssarrafx u ghalhekk l-istess attur kellu jaghmel din il-kawza.

Illi fil-fatt minn din il-kawza gie ppruvat li permezz ta' skrittura privata datata tlettax (13) ta' Marzu 1998 il-konvenut ipprometta u obbliga ruhu li jbiegh u jittrasferixxi lill-attur *maisonette* fit-tieni sular numru disgha u ghoxrin (29), Triq San Tumas, Hamrun, soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm1.10,0), ghal prezz ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000), f'liema konvenju l-attur irrizerva d-dritt li jissostitwixxi minfloku lil terzi persuni fuq l-att finali (Dokument "A") u verso l-pattijiet l-ohra kollha fl-istess skrittura, li kellha validita' sat-30 ta' Awissu 1998; dan il-konvenju gie sussegwentament estiz permezz ta' skrittura ohra datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Awissu 1998 (Dokument "B") fejn il-partijiet ftiehmu illi l-prezz jigi modifikat u sostitwit bis-somma ta' erbat elef tmien mija u ghoxrin Lira Maltija (Lm4,820) u kondizzjonijiet ohra indikati fl-istess skrittura esebita bhala Dok. "B" u l-istess validita' ta' dan il-ftehim giet estiza sal-ahhar ta' Marzu 1999 kollox kif jirrizulta a fol. 7 tal-process; l-imsemmi konvenju rega' gie estiz tliet darbiet ohra; l-ewwel estensjoni saret fis-sbatax (17) ta' Marzu 1999, meta thallas il-prezz kollu (Dokument "C" – fol. 8) u l-istess ftehim gie mgedded sas-17 ta' Marzu 2000; it-tieni estensjoni saret fit-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2000 (Dokument "D" – fol. 9) u l-istess ftehim gie mgedded sat-30 ta' Marzu 2002; u t-tielet estensjoni saret fit-tmienja (8) ta' Marzu 2002, u b'din l-ahhar estensjoni l-imsemmi konvenju gie estiz sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 2005, taht il-pattijiet u kundizzjonijiet ta' l-imsemmi konvenju kif estiz (Dokument "E" – fol.10 tal-process); fit-2 ta' Dicembru 2003 l-attur dahal fi ftehim

iehor ma' certa Laetizia Scicluna biex jittrasferixxi l-istess fond bil-permezz ta' sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000), b'dan li l-istess Scicluna setghet izzomm kull differenza fil-prezz u dan kif jidher mill-iskrittura privata esebita bhala Dok. "R2" a fol. 60 tal-process; l-istess Scicluna min-naha taghha dahlet f'konvenju ma' Gaetano Farrugia ghan-nom ta' Francis Agius u dan kif jirrizulta mod-dokumenti esebiti bhala Dok. "R1" u fil-fatt konsegwenti ghal dan kollu sar il-kuntratt ta' bejgh ta' l-istess fond skond att pubbliku ta' trasferiment li sar fit-tletin (30) ta' Gunju 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami bejn min-naha l-wahda l-konvenut u min-naha l-ohra Gaetano Farrugia ghan-nom u in rapprezentanza ta' Francis Agius, ghal prezz ta' tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) (Dokumnet 'F' – fol. 11).

Illi minhabba r-relazzjoni ta' bejniethom kif fuq spejgat l-ammont li kien imissu l-attur kien ta' sbatax-il elf Lira Maltin (Lm17,000) u dan anke peress li l-konvenut kien thallas diga` minn Oreste Cilia l-prezz miftiehem tal-fond fil-konvenju ta' bejn il-konvenut u l-attur; fil-fatt dak li gara kien li Gaetano Farrugia *nomine* hareg *cekk* ta' Lm17,000 fuq il-konvenut, u dan sabiex jaghddi l-istess ammont lill-attur simultanjament hareg *cekk* ghas-somma ekwivalenti fuq isem l-attur; izda gara li fil-waqt li l-konvenut sarraf ic-cekk ta' sbatax-il elf lira Maltin (Lm17,000) mahrug favur tieghu minn Gaetano Farrugia u allura zamm il-flus kollha ghalih, min-naha l-ohra meta l-attur mar biex isarraf ic-cekk li nhareg mill-konvenut favur tieghu, dan ma setax jissarraf mill-Bank u l-istess cekk gie *'referred to drawer'* u minhabba li l-konvenut baqa' ma onorax l-istess cekk u lanqas ghamel dan il-pagament ta' Lm17,000 lill-attur saret din il-kawza u dan ghaliex il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx is-somma ta' Lm17,000 lill-attur kif kellu jaghmel.

Illi fil-fatt dan kollu gie ikkonfermat mix-xhieda prodotti nkluz dik ta' Audrey Ghigo ghall-Bank HSBC fejn jidher li kien inhareg cekk ta' Lm17,000 mill-konvenut favur l-attur numru 00023 li kien prezentat fis-6, 8 u 9 ta' Lulju 2004 sabiex jissarraf izda baqa' ma sarrafx peress li l-konvenut ma kellux fondi bizzejjed sabiex isir il-pagament mill-kont

tieghu u dan kollox kif jidher mix-xhieda moghtija mill-istess rappresentant tal-bank datata 5 ta’ April 2005 u mill-*istatement* tal-kont tal-konvenut – kont numru 054 – 041280 001 esebiet bhala Dok. “G” a fol. 46 sa 50 tal-process.

Illi hrug tac-cekk mill-konvenut lill-attur fl-istess ammont ta’ Lm17,000 kien ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta’ Gladys Farrugia fl-affidavit taghha datat 24 ta’ Jannar 2005 u x-xhieda ta’ Josef Muscat u Laetizia Scicluna moghtija fil-5 ta’ April 2005; giet wkoll esebita kopja ta’ l-istess cekk mahrug mill-konvenut favur l-attur bhala Dok. “OC 1” a fol. 30 tal-process u dan anness ma’ l-affidavit ta’ l-attur datat 24 ta’ Jannar 2005.

Illi din ix-xhieda bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-konvenut li baqa’ ma ressaq ebda xhieda la biex jikkontesta l-azzjoni attrici u wisq inqas biex jissostanzja l-eccezzjonijiet tieghu; fuq kollox il-ftehim in iskritt datat 13 ta’ Marzu 1998 huwa car fih innifsu, u certament mill-provi prodotti dak allegat mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu ma jirrizultax u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet qed jigu michuda, anke minhabba mankanza totali ta’ provi *da parte* tal-konvenut li kien l-oneru tieghu li jipprova dak almenu allegat minnu. Dan minkejja li l-konvenut inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu kif jidher mill-verbali tas-seduti quddiem il-Qorti.

Illi dwar il-portata ta’ cekk bhala dokument ta’ kreditu din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **“Marlene Vella vs Dr. Antoine Gambin”** (P.A. (RCP) – 26 ta’ April 2001) u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti tilqa’ talbiet attrici fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut huwa kreditur ta' l-attur fis-somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000); u

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-imsemmija somma ta' sbatax-il elf Liri Maltin (Lm17,000).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ndikat mill-attur u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1756/04 u bl-imghax legali mid-data ta' l-1 ta' Lulju 2004 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------